

- tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti skont l-Artikolu 2 sabiex tikkoreġi l-iżbalji manifesti li jinsabu fid-deċiżjoni;
- tikkundanna l-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 428 finali, tat-28 ta' Jannar 2009 dwar proċedura skont l-Artikolu 81 tat-Trattat KE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39406 — pajpijiet marittimi) sa fejn tqisha responsabbli għal partiċipazzjoni fi ksur wieħed u kontinwu fil-qasam tal-pajpijiet marittimi fiż-ŻEE, li kien jikkonsisti fl-għoti ta' kuntratti, fl-iffissar ta' prezzijiet, ta' kwoti u ta' kundizzjonijiet ta' bejgħ, fit-tqassim tas-suq ġeografiku u fl-iskambju ta' informazzjoni sensitiva dwar il-prezzijiet, fil-volumi tal-bejgħ u fis-sejgħiet għal offerti. Barra minn hekk, hija qed titlob it-tnaqqas tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ressqet żewġ motivi.

Fl-ewwel lok, hija ssostni li l-poter tal-Kummissjoni li timponi multi għal kwalunkwe perijodu qabel il-21 ta' Ġunju 1999 huwa preskritt skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 peress li r-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' fatt u ta' liġi meta ddeċidiet li r-rikorrenti kienet wettqet ksur wieħed u kontinwu.

Fit-tieni lok, hija ssostni li l-Kummissjoni m'għandha ebda interess leġittimu li tikkonstata ksur għall-ewwel perijodu li ntemm f'Mejju 1997.

zjonijiet stretti li ma kienu qatt kundizzjonijiet għall-membri tal-Parlament Ewropew fiż-żmien inkwistjoni u billi ma identifikatx bi preċiżjoni liema element ta' spiża tqieset li tħallset indebitament.

It-tieni nett, huwa jsostni li l-Parlament ibbaża ruħu fuq allegat "kunflitt ta' interess" billi kiser il-prinċipju taċ-ċertezza legali għaliex aġixxa b'mod inkompatibbli mal-prattika preċedenti, mhux konformi mar-regoli ppubblikati u mingħajr ma ppreżenta standards ċari u trasparenti. Ir-rikorrent jiddikjara li d-deċiżjoni tal-Parlament hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

It-tielet nett, ir-rikorrent isostni li l-Parlament ma kkonformax ruħu mar-rekwiżiti fundamentali ta' proċedura tal-Artikolu 27 SIM fir-rigward, fost oħrajn, tal-konsultazzjoni preliminari tal-kwesturi, tal-ġustifikazzjoni taċ-ċirkustanzi "eċċezzjonali", tas-smiegħ tar-rikorrent qabel ma tittieħed deċiżjoni kif ukoll tar-rekwiżit li deċiżjoni tiġi adottata mill-Bureau.

Ir-raba' nett, ir-rikorrent isostni li l-konvenut talab lura l-VAT mir-rikorrent mingħajr ma kellu bażi legali biex jagħmel hekk.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrent jiddikjara li l-Parlament irrefera l-każ tiegħu lill-OLAF prematurament, bi ksur tad-drittijiet tad-difiża tiegħu u mingħajr bażi legali jew ġustifikazzjoni.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' April 2009 — Dover vs Il-Parlament

(Kawża T-149/09)

(2009/C 141/108)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Densmore Ronald Dover (Borehamwood, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: D. Vaughan, QC Barrister, M. Lester, Barrister u M. French, Solicitor)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tordna l-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Instanza kif speċifikati fir-rikors;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jitlob, permezz tar-rikors tiegħu, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament D(2009) 4639 tad-29 ta' Jannar 2009 dwar l-irkupru tal-indennizzi ta' għajjnuna parlamentari.

Ir-rikorrent iressaq ħames motivi insostenn tar-rikors tiegħu.

L-ewwel nett, huwa jiddikjara li l-Parlament interpreta u applika ħażin l-Artikolu 14 tal-leġiżlazzjoni dwar l-ispejjeż u l-indennizzi tal-membri tal-Parlament Ewropew (SIM), fost l-oħrajn, billi fittex li jimponi fuq ir-rikorrent, retroattivament, kundiz-

Rikors ippreżentat fl-10 ta' April 2009 — Ningbo Yonghong Fasteners vs Il-Kunsill

(Kawża T-150/09)

(2009/C 141/109)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ningbo Yonghong Fasteners Co. Ltd (rappreżentanti: F. Graafsma u J. Cornelis, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 91/2009, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina; u

- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti titlob l-annullament tar-Regolament tal-Kunsill tas-26 ta' Jannar 2009 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq ċerti qfieli tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina⁽¹⁾ fuq il-bażi ta' allegat ksur tal-Artikoli 2(7)(b) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 384/96⁽²⁾ u fuq il-bażi